

Brussell, 11 ta' Frar 2025
(OR. en)

5960/25

UEM 55
ECOFIN 121
SOC 61
EMPL 44
COMPET 62
ENV 66
EDUC 26
RECH 47
ENER 22
JAI 168
GENDER 13
ANTIDISCRIM 10
JEUN 15
SAN 45

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Nota ta' spjegazzjoni - Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-Nota ta' spjegazzjoni li takkumpanja r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Nota ta' spjegazzjoni

– Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2025

L-Artikolu 29 tar-Regolament 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jgħid li "*Il-Kunsill mistenni li, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu b'mod pubbliku*".

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-kuntest tas-semestru Ewropew, li dwarha l-Kummissjoni mhux qed taqbel.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

RAKKOMANDAZZJONI NRU 1 GĦAŻ-ŻONA TAL-EURO

Test tal-Kummissjoni:

[...] Jiżviluppaw Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u l-Investment, inkluż billi japprofondixxu r-rabtiet bejn is-Swieq Kapitali u l-proġetti tal-Unjoni Bankarja, biex jappoġġaw it-tkabbir u l-investimenti u tittejjeb il-kompetittività. [...]

Test maqbul:

[...] Jiżviluppaw malajr [...]Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti, billi jippromwovu setturi finanzjarji u bankarji kompetittivi u li jiffunzjonaw sew [...], biex jappoġġaw it-tkabbir u l-investimenti u jtejjbu l-kompetittività. [...]

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) u l-Unjoni Bankarja filwaqt li jirrikonoxxihom bħala proġetti relatati iżda distinti b'objettivi u skopijiet separati. Il-Kunsill jemmen li l-avvanz taż-żewġ inizjattivi b'mod parallel, filwaqt li jiġu rispettati l-għanijiet speċifiċi tagħhom, huwa aktar probabbli li jħaffef l-implimentazzjoni tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġa aħjar it-tkabbir, l-investment u l-kompetittività.

RAKKOMANDAZZJONI NRU 3 GĦAŻ-ŻONA TAL-EURO

Test tal-Kummissjoni:

[...] Jimmonitorjaw ir-riskji għall-istabbiltà makrofinanzjarja relatata mal-kwalità tal-assi, l-ipprezzar mill-ġdid tal-assi u jsaħħu s-superviżjoni makroprudenzjali tas-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja.

Test maqbul:

[...] Jimmonitorjaw ir-riskji għall-istabbiltà makrofinanzjarja relatati mal-kwalità tal-assi, l-ipprezzar mill-ġdid tal-assi, inkluż ir-riskji relatati mal-klima u mal-ambjent, u jsaħħu s-sett ta' [...] għodod regolatorji [...] għas-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja, kif xieraq għall-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji identifikati.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill huwa tal-fehma li s-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja (NBFI) għandu jkun kopert minn varjetà ta' għodod fil-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi, inkluż iżda mhux limitat għal għodod makroprudenzjali. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar jekk għandhiex tissaħħaħ aktar is-superviżjoni makroprudenzjali tas-settur tal-NBFI. B'mod ġenerali, il-Kunsill iqis li l-qafas superviżorju attwali wera robustezza f'perjodi ta' volatilità tas-suq b'mod li jikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-settur tal-NBFI.